Kunsill Reġjun Punent
Ċentru Kristu Ragħaj, It-3 Sular, Is-Seminarju tal-Arċisqof, Triq tal-Virtu, Rabat, Malta
E | Reġjun-punent.dlg@gov.mt T | 22266602

**L-Ewwel Leġislatura Reġjun Punent**

**Minuti** Numru **46**

Laqgħa tar-Reġjun Punent

Il-Kunsill Reġjonali Punent iltaqa' nhar it-Tlieta 18 ta' Frar, 2025 fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz **Ċentru Kristu Ragħaj, 3rd Floor, The Archbishop's Seminary, Rabat** fil-17:30 ta' filgħaxija.

---

**PREŻENTI FIL-BINI AMMINISTRATTIV:**

| | |
|---|---|
| President: | Is-Sur Sandro Azzopardi |
| L-Imdina: | Sindku s-Sur Peter Sant Manduca |
| Ħaż-Żebbuġ: | Sindku s-Sur Steve Zammit Lupi |
| Ħad-Dingli: | Viċi Sindku is-Sur Miguel Abela |
| Ħal Kirkop: | Sindku s-Sur Matthew Agius Zmmit |
| L-Imqabba | Sindku s-Sa Grace Marie Zerafa |
| Rabat: | Sindku s-Sur Alexander Craus |
| Ħal Safi | Sindku s-Sur Johan Mula |
| Iż-Żurrieq: | Sindku s-Sa Rita Grima |

**PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:**

| | |
|---|---|
| Il-Qrendi: | Viċi President is-Sur David Michael Schembri |
| Is-Siġġiewi: | Sindku s-Sur Julian Borg |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**46.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

Ir-Reġjun Punent ma irċieva l-ebda ittra t'apoloġija Skont Ordni Permanenti 14A (3) għalkemm irċieva talba għal link online mis-Sindku tas-Siġġiewi u s-Sindku tal-Qrendi li kienu jinsabu indisposti.

**46.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 45;**

Il-President ressaq għal approvazzjoni l-Minuti tal-Laqgħa numru 45 li saret nhar it-28 ta' Jannar 2025.

Sekondant: is-Sindku ta' Ħal Kirkop, is-Sur Matthew Agius Zammit
Il-Kunsill qabel unanimament

**46.03 Kommunikazzjoni mill-President**

**46.03.01** Nhar it-28.01.25 irċevejna mill-JM Jazz World li qed isejħu lill-mużiċisti jazz bejn it-18 u s-26 sabiex jagħmlu audizzjoni għall-JM Jazz World Orchestra 2025.

**46.03.02** Nhar it-28.01.25 irċevejna Cir AKL 2025/10 URGENT appeal for O Positive and A Positive blood

**46.03.03** Nhar it-30.01.25 irċevejna PQ24398-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali – Kiri ta' karozzi – Nefqa. Sabiex nikkonfermaw jekk l-ammont kienx jinkludi il-VAT.

**46.03.04** Nhar il-31.01.25 irċevejna CIR AKL 2025/011_THE USE OF PUBLIC SPACES & PUBLIC FURNITURE | DISSEMINATION STRATEGY. Dan hu proġett li jesplora d-diskriminazzjoni tal-akkomodazzjoni ffaċċjata mill-migranti u fih jiġu eżaminati strateġiji ta' reżiljenza, l-ostakli u l-motivazzjonijiet. Huwa mmirat biex joffri soluzzjonijiet għal akkomodazzjoni iktar inklussiva.

**46.03.05** Nhar it-03.02.25 irċevejna mingħand DLG sensiela ta Skemi Finanzjarji 2025 għal attivtiajiet Kulturali, lokalitajiet aktar nodfa, u inizjattivi finanzjarji bħal Milied 2025.

**46.03.06** Nhar l-04.02.25 irċevjena Cir AKL 2025/012_SMARTIES Project - Capacity Building in Malta li saret nhar 13..02.25 ġewwa l-AKL.

**46.03.07** Nhar l-04.02.25 irċevjena mingħand il-President ta' AKL sabiex nibgħatulu lista ta' multi li ħriġna fuq it-tender tal-iskart. Dan qed jinġabru wara laqħha li kellu ma DG DOC sabiex ikunu analizzati u sabiex ningħataw linji gwida u uniformita' ta' kif ser nimxu 'l quddiem dwar multi li ser jinħarġu.

**46.03.08** Nhar il-05.02.25 il-Maniġer tal-EU / Fondi Lokali infurmat Għaqdiet tal-baned u tan-nar li bħalissa l-Malta Tourism Authority (MTA) qed tilqa' l-applikazzjonijiet għall-Ispettaklu Pirotekniku Mużikali tal-Festival Malti Internazzjonali tan-Nar 2025 (*Pyrotechnical Musical Show of the Malta International Fireworks Festival 2025*).

**46.03.09** Nhar is-06.02.25 erġajna bgħatna lill-Kunsilli lokali u NGOS dwar korsijiet ta' *First Aid Course* u *Food Handling Course* minħabba talba li kellna dwarhom.

**46.03.10** Nhar is-06.02.25 kelli laqgħa d-DLG mal-Presidenti l-oħra tar-Reġjuni u l-AKL dwar l-fatturi tar-*rejects*. Irċivenjna mingħand Direttur Galea, r-rimbors li ser ikun qed

jagħtina fuq l-iskart. Ta' min jirrimarka li ma ingħatajna ebda rimbors fuq *rejects* ta' 2023 u għandna dubji fuq l-allokazzjoni li ingħatajna isservix għar-*rejects* ta' 2024. Ukoll anke r-rimbors li ingħatajna għas-sena 2025 fuq *tipping fees*, ma nafx iservix. Dan tħassib urejtu waqt l-istess laqgħa.

**46.03.11** Nhar is-06.02.25 l-ES bagħtet lill-Kunsilli Lokali, Sindki u kunsilliera responsabbli mill-kultura sabiex tikseb informazzjoni dwar in-niċeċ li jeżistu fir-Reġjun. Dan bi preparazzjoni għal ktieb / kotba li Reġjun ser ikun qed jippubblika.

**46.03.12** Nhar is-07.02.25 irċevejna mill-Gozo Regional Development Authority li b'kollaborazzjoni mal-Bank Ċentrali, ser tkun qed torganizza webinar dwar il-ġid tad-djar f'Għawdex nhar 26.02.25.

**46.03.13** Nhar is-07.02.25 irċevejna Cir AKL 2025/013 Post Vakant: Manager Amministrattiv – Għall-Attenzjoni Tal-Impjegati Kollha.

**46.03.14** Nhar is-07.02.25 mingħand Ewropa Kreattiva fejn bagħtulna tfittxijiet ta' msieħba għas-sejħa għall-kooperazzjoni Ewropea, li tagħlaq fit-13 ta' Mejju 2025.

**46.03.15** Nhar il-11.02.25 irċevejna mis-Sur Vassallo fejn infurmawna li d-Diviżjoni qed tiġbor informazzjoni dwar siti ta' patrimonju storiku li jeħtieġu restawr fil-lokalitajiet f'Malta u Għawdex.

**46.03.16** Nhar il-11.02.25 irċevejna Ċir AKL 2025/014 _MFWS Training in February.

***46.03.17*** Nhar il-11.02.25 irċevjena korripondenza mingħand ERA fuq '*the minimum overall recycling rate of packaging that shall be attained as of 2025, shall be that of 65% of all packaging placed on the market in a given year, in accordance with Schedule 3 (2) of S.L.549.43.'*

***46.03.18*** Nhar il-11.02.25 is-Sur Fava għaddielna korrispondenza mall-Kunsilli Reġjonali dwar il-miri ta' skart riċiklabbli – Din kienet ir-risposta lil ERA dwar *minimum overall recycling rate of packaging that shall be attained as of 2025.* L-AKL kitbet għan-nom tar-Reġjuni għala mhux naqblu u qed nikkontestaw l-korripsondenza tal-ERA.

**46.03.19** Nhar it-13.02.25 irċevejna Ċir AKL 2025/015_SAGE and Book Keeping Course. L-Assoċjazzjoni ser tkun qed tgħin mill-att finanzjarju lill-Kunsilli Lokali billi tiffinanzja 10% tal-ispiża totali għal kull parteċipant.

**46.03.20** Nhar l-14.02.25 il-Maniġer tal-Kultura informa li l-flipbook bl-informazzjoni relatata ma' żmien il-Ġimgħa Mqaddsa ser ikun qed jerġa jsir wara s-suċċess tas-sena l-oħra. Dawk kollha li għandhom xi attività, exhibitions jew avvenimenti oħra marbutin mal-Ġimgħa Mqaddsa u l-Għid huma mħeġġa sabiex jibgħatu l-informazzjoni sħiħa flimkien mal-link/posters sa mhux aktar tard mill-Erbgħa 26 ta' Marzu.

**46.03.21** Nhar l-14.02.25 irċevejna rapport fuq household waste collections ghax-xahar ta' Jannar.

**46.03.22** Nhar l-14.02.25 il-Maniger tal-EU / Fondi Lokali infurmat lill-Kunsilli Lokali u NGOs bl-iskema għall-Wirt Artistiku maħruġa mill-Arts Council Malta .

**46.03.23** Nhar l-14.02.25 irċevejna mingħand DLG Ċirkulari Numru 1/2025 dwar Skedi tal-Pagamenti u *Quarterly Financial Reports.*

**46.03.24** Nhar is-17.02.25 irċevejna mingħand HOOP fejn infurmawna li ser tkun qed issir l-event finali f'Cartagena fi Spanja nhar il-25-26.03.2025.

**46.03.25** Nhar is-17.02.25 kellna laqgħa ġewwa TM flimkien mas-Sindki dwar problemi li l-Kunsilli Lokali qed jiffaċċjaw. Sfortunatament kellhom ikunu preżenti ukoll l-Aġenzija IM li dawn ma tfaċċawx sabiex nittekiljaw l-problemi li hemm / jinvolvu iż-żewġ

entitajiet.

**46.03.26** Nhar it-18.02.25 bagħtna lill-kuntrattur tal-iskart sabiex jimla u jibghatilna l-formoli tal-ESPD tas-*sub -contractors* li qed jiġbru l-iskart fir-Regjun.

***46.03.27*** Nhar it-18.02.25 irċevejna li ser ikun hemm seminar mtellgħa mil-ERA fuq *Waste Management* nhar l-04.03.25*.*

**46.03.28** Nhar il-21.02.25 se ssir l-ewwel produzzjoni teatrali bħala parti mill-proġett Arts For Social Change fis-Sala tal- Kunsill Lokali Ħal Safi. Dan id-dramm jesplora temi ta' tqasqis bin-nies u s-solitudni, u jara kif dawn l-aspetti tas-soċjetà jaffettwaw l-individwu. Permezz tal-kitba, l-arti viżiva, u l-arti performattiva, din il-produzzjoni tistieden lill-udjenza tirrifletti fuq l-impatt li l-kliem u l-iżolament jista' jkollhom fuq ħajjitna.

**46.03.29** Ser ikun hemm sensiela ta taħdidiet flimkien mal-Malta Honey Bee Foundation fuq *Request for Collaboration in Hosting Community Outreach Event*. Dawn ser isiru nhar il-21.02.25 ġewwa Ħaż-Żebbuġ, nhar is-07.03.25 ġewwa Ħal-Safi u nhar il-11.03.25 ġewwa Ħal-Kirkop.

**46.03.30** Ser nerġgħu inġibu studenta fuq internship ta' 3 xhur minn nhar it-03.03.25 sa 23.05.25 b'kollaborazzjoni ma' Venamalta.com.

**46.04 Tweġibiet għall-mistoqsijiet.**

**46.04.01** Is-Sindku ta' Ħal Safi staqsa fuq estensjoni ta' żmien tal-Proġett tal-Automatic Public toilets. Il-President qal li perswaz li jinnegozja estensjoni, iżda żgur mhux se jiġi mġedded li dawn jitlestew fis-sena 2026 u ħeġġeġ biex jingħalqu kemm jista' jkun malajr.

**46.04.02** Is-Sindku tar-Rabat staqsa jekk hemmx xi liġi li timpedixxi lill-Kunsilli milli jżommu flus għall-użu tal-latrini pubbliċi. Il-President wieġeb li ser jkun qed jiċċekkja dwar dan.

**46.04.03** Is-Sindku tar-Rabat staqsa jekk hemmx bżonn issir *bye-law* biex jinkrew spazji pubbliċi bħal ġonna biex jsiru attivitajiet privati u jekk tistax issir *bye-law* waħda li tkun tista' tintuża mil-lokalitajiet kollha tar-Reġjun li jkollhom bżonn.

**46.05 Tqegħid ta' Dokumenti/ rapporti**

**46.05.01** Travel Report- Euro-Arab Youth Music Summit

**46.05.02** Kwotazzjoni RFQ211/2025 – Request for Quotation for Videography Service

**46.05.03** Kwotazzjoni RFQ212/2024 – Request For Quotation for Art Supplies

**46.06 Approvazzjoni ta' Xiri**

**46.06.01** Kwotazzjoni RFQ211/2025 – Request for Quotation for Videography Service

Il-President informa li ntbaghtu 3 inviti għal kwotazzjonijiet li minnhom irċivejna 3 offerti. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku ta' l-Imdina is-Sur Peter Sant Manduca
Il-Kunsill qabel unanimament.

**46.06.02** Kwotazzjoni RFQ212/2025 – Request for Quotation for Art Supplies

Il-President informa li ntbaghtu 4 inviti għal kwotazzjonijiet li minnhom irċivejna offerta waħda biss. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Safi is-Sur Johan Mula

Il-Kunsill qabel unanimament.

**46.07 Skeda tal-Pagamenti Nu.34**

Il-President Sandro Azzopardi ressaq għall-approvazzjoni l-iskeda tal-Pagamenti Numru34.

Proponent: Is-Sindku ta' l-Imdina is-Sur Peter Sant Manduca
Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Kirkop is-Sur Matthew Agius Zammit
Il-Kunsill qabel unanimament.

**46.08 Proposta Virtual Malta**

Il-President ressaq għall-approvazzjoni proposta biex ir-Reġjun jingħaqad mal-Proġett Virtual Malta

Sekondant: Is-Sindku tar-Rabat is-Sur Alexander Craus
Il-Kunsill qabel unanimament

**46.09 Ingaġġ- ta' Campaign Lead għall-proġett EU Life**

Il-President informa li ġaladarba ir-Reġjun jibbenefika mill-Proġett EU Life li riżultat tiegħu għandu joħroġ dan ix-xahar, irridu noħorġu vakanza għall-ingaġġ definit ta' 3 snin ta' 'Campaign Lead' biex jmexxi dan il-proġett. Għalhekk il-President ippropona li jinbeda il-proċess biex tiġi mpjegata persuna f' din il-kariga.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Kirkop is-Sur Matthew Agius Zammit
Il-Kunsill qabel unanimament

## 46.10 Materji Oħra

### 46.10.01 Probation Period – Maniger tal-Fondi Lokali u tal-EU

Il-President informa li l-Probation tal- Maniġer tal-Fondi Lokali u tal-EU li għalqet fil-5 ta' Frar 2025 u ppropona li kemm il-darba ma hemmx oġġezzjoni tinżamm fil-kariga tagħha.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Safi is-Sur Johan Mula
Il-Kunsill qabel unananiment

### 46.10.02 Probation Period – Maniger tal-Kultura

Il-President informa li l-Probation tal- Maniġer tal-Kultura li għalqet fil-26 ta' Diċembru 2024 u ppropona li kemm il-darba ma hemmx oġġezzjoni jinżamm fil-kariga tiegħu.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Safi is-Sur Johan Mula
Il-Kunsill qabel unanimament

### 46.10.03 Probation Period – Council Assitant

Il-President informa li l-Probation tal-Council Assistant se tagħlaq fit-18 ta' Marzu 2025 u ppropona li kemm il-darba ma hemmx oġġezzjoni tinżamm fil-kariga tagħha.

Sekondant: is-Sindku ta' Ħal Kirkop, is-Sur Matthew Agius Zammit
Il-Kunsill qabel unanimament

### 46.10.04 Taħriġ tal-bookkeeping u Sage

Il-President ippropona sabiex ir-Reġjun Punent ikopri l-ispiża tal-Bookkeeping and Sage kors maħruġ mill-AKL li ser jaghmlu TF u AV.

Sekondant: Is-Sindku ta' Kirkop, is-Sur Matthew Agius Zammit
Il-Kunsill qabel unanimament

## 46.11 Tmiem il-laqgħa

Il-laqgħa ntemmet fis-19:15 u l-President informa li l-laqgħa għas-seduta li jmiss ser tinżamm nhar **il-25 ta' Marzu , 2025 fil-17:30**

| | |
|---|---|
| Sandro Azzopardi<br>President Reġjun Punent | Tania Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |

Ikkonfermati llum